**20 ta' Jannar, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C. B.A., LLD., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Federica Ciappara

*versus*

Carmelo Caruana

**Konsorzju — Reintegrazzjoni — Integrità tal-Ġudizzju.**

*Il-komproprijetarju ta' fond li jrid jaġixxi kontra persuna li fil-bini tagħha użurpat biċċa mill-fond li minnu dak il-komproprijetarju għandu sehem, biex jiġi reintegrat fid-drittijiet tiegħu fuq dak il-fond, ma għandux bżonn iħarrek lil dawk il-persuni l-oħra li għandhom interess f'dak il-fond. Jogħġobhom jew ma jogħġobhomx dawk l-interessati l-oħra li jaġixxu biex jissalvagwardaw id-drittijiet tagħhom, dak il-komproprijetarju għandu kull interess u dritt li jaġixxi għal dak li hu dritt tiegħu.*

*Għaldaqstant, jekk huwa jitlob kontra l-użurpatur id-demolizzjoni tal-bini li jkun għamel fuq l-art użurpata u r-reintegrazzjoni tiegħu fid-drittijiet tiegħu fuq dik l-art, mhix attendibbli l-eċċezzjoni illi l-ġudizzju mhux integru għax ma ġiex propost mill-persuni l-oħra nteressati f'dik l-art ukoll.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attriċi, wara li ppremettiet illi hija proprijetarja ta' porzjoni diviża tal-lok ta' bini numru 19 Trieq San Franġisk, Furjana, konsistenti din il-porzjoni diviża f'kamra fil-pjan terran u f'kamra oħra fit-tielet pjan tal-istess lok ta' bini, il-lum imġarraf bil-ħidma tal-għadu; u illi bil-kostruzzjoni tal-fond kontigwu numru 25 Trieq San Franġisk, Furjana ta' proprijetà l-lum tal-konvenut, ġiet okkupata parti mill-fond ta' proprijetà, f'porzjoni diviża, tagħha, u ċjoè arja ta' sitt piedi bi tmien piedi ċirka għal għoli ta' ħamsa u ħamsin filata, jew arja oħra verjuri; u illi, minħabba din l-użurpazzjoni tal-konvenut jew tal-aventi kawża tiegħu, ir-rimanenti arja mill-fond numru 19 Trieq San Franġisk, Furjana, mhix biżżejjed biex hija u l-komproprijetarji l-oħra jerġgħu jirrikostruwixxu l-fond tagħhom; talbet illi, premessi d-dikjarazzjonijiet opportuni, speċjalment dik li bil-kostruzzjoni tal-fond numru 25 Trieq San Franġisk, Furjana, ġiet użurpata parti mill-bażi talpost adjaċenti numru 19 proprijetà tagħha u ta' oħrajn, il-konvenut ikun kundannat biex fi żmien qasir u perentorju, li jiġi lilu ffissat mill-Qorti, iħott u jiddemolixxi dawk il-kostruzzjonijiet kollha li nbnew kif ingħad fuq parti missit tal-lok numru 19 Trieq San Franġisk, Furjana; u in difett hija stess tkun awtorizzata tagħmel dawn ix-xogħolijiet ta' demolizzjoni taħt id-direzzjoni ta' perit nominand u a spejjeż tal-istess konvenut. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li ġie nġunt sabiex jidher għas-subizzjoni tiegħu;

*Omissis;*

Rat id-digriet tal-Ewwel Qorti tat-12 ta' Jannar 1955, li bih Italo Manchè ġie msejjaħ fil-kawża;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-23 ta' Mejju 1966, li biha ġiet milqugħa l-eċċezzjoni tal-imsejjaħ fil-kawża, billi ddikjarat illi l-ġudizzju mhux integru, għaliex jista' jkollhom interess fih persuni oħra li ma jiffigurawx bħala partijiet, u għalhekk illiberat il-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża mill-osservanza tal-ġudizzju, u ordnat li l-ispejjeż tal-kawża tħallashom l-attriċi, minbarra dawk tad-digriet tal-10 ta' Ottubru 1955 u tal-atti l-oħra kollha li saru in segwitu għalieh, fosthom tas-seduti li saru quddiem il-perit ġudizzjarju u l-onorarju tal-istess perit, li għandu jħallashom l-imsejjah fil-kawża Italo Manchè; wara li kkunsidrat;

Illi fis-seduta tal-5 ta' April 1956, miżmuma mill-perit ġudizzjarju, l-imsejjaħ fil-kawża eċċepixxa illi l-ġudizzju mhux integru, billi ma ġiex propost mill-komproprijetarji l-oħra kollha;

Illi din l-eċċezzjoni għandha tiġi milqugħa. Għalkemm l-attriċi tidher bħala unika proprijetarja tal-porzjoni diviża tal-fond numru 19 imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u hija tgħid illi l-użurpazzjoni lamentata minnha taffetta biss dik il-porzjoni diviża, b'dan kollu mill-istess ċitazzjoni jidher illi l-istess porzjoni diviża tikkonsisti f'kamra fil-pjan terran u f'kamra oħra fit-tielet pjan ta' dak il-fond, b'mod illi dik il-pretiża użurpazzjoni taffetta wkoll, almenu, parti oħra minn dak il-fond, jew dik fit-tieni pjan bejn iż-żewġt ikmamar tal-attriċi, li tagħha mhix din hija l-proprijetarja, imma xi persuna jew persuni oħra li ma jiffigurawx bħala partijiet, atturi jew konvenuti, f'dan il-ġudizzju. Dan hu tant veru illi l-attriċi fit-tielet premessa taċ-ċitazzjoni, u anki fid-dikjarazzjoni, tgħid li minħabba l-użurpazzjoni lamentata hija u l-komproprijetarji l-oħra ma jistgħux jirrikostruwixxu l-fond. Għalhekk, dawn il-komproprijetarji l-oħra għandhom jew jista' jkollhom interess fl-eżitu ta' din il-kawża, intiż dan l-interess kif ġie mfisser fis-sentenza mogħtija fiż-17 ta' Ottubru 1950 mill-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża fl-ismijiet "Borg Falzon vs. Cost Chritien"; għaliex, jekk ġiet użurpata xi parti mill-kamra ta' isfel tal-attriċi, neċessarjament ġiet ukoll użurpata parti ugwali mill-kamra ta' fuqha fit-tieni pjan ta' dak il-fond, u l-attriċi ma tkunx tista' tagħmel l-eventwali xogħolijiet ta' demolizzjoni fil-

kamra tagħha mingħajr ma tmiss il-kamra jew kmamar appartenenti lil ħadd ieħor f'dak il-fond, ċjoè lill-komproprijetarji l-oħra, jew x'uħud minnhom, tiegħu;

Illi, però, għandu jingħad illi din l-eċċezzjoni l-imsejjaħ fil-kawża kien messu ssollevaha fil-bidunett. Xejn ma jiswa li jgħid illi mix-xhieda tal-attriċi huwa sar jaf illi din mhijiex l-unika proprijetarja tal-fond fuq imsemmi. Din iċ-ċirkustanza kienet tidher ċara fl-att taċ-ċitazzjoni u fid-dikjarazzjoni tal-attriċi annessa ma' dak l-att; u għalhekk parti mill-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mill-istess imsejjaħ fil-kawża, għaliex l-istess kienu jiġu evitati kieku huwa din l-eċċezzjoni taħa fil-mument opportun;

Rat in-nota tal-appell tal-attriċi, u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li s-sentenza appellata tiġi riformata, billi tiġi biss konfermata fejn akkollat parti mill-ispejjeż lill-imsejjaħ fil-kawża Italo Manchè, u tiġi revokata għall-bqija, ċjoè fejn illiberat lill-konvenut u lill-imsejjaħ fil-kawża mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż (barra dawk akkollati lill-imsejjaħ fil-kawża) kontra l-appellanti, b'mod illi l-eċċezzjoni tal-imsejjaħ fil-kawża tiġi miċħuda; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fil-fehma ta' din il-Qorti l-appell hu fondat. Il-kwistjoni mhijiex jekk il-proprijetarji tal-partijiet l-oħra tal-bini li minnu l-attriċi għandha parti diviża għandhomx jew jistgħax ikollhom interess fl-eżitu ta' din il-kawża, iżda jekk din il-kawża, kif inhi istitwita, hijiex ritwalment nulla minħabba nuqqas ta' ċitazzjoni ta' dawk il-persuni l-oħra;

Kif osservat din il-Qorti fil-kawża "Dottor Ganado vs. Nutar Dottor Borg Olivier et.", deċiża fit-3 ta' Novembru 1958, fuq l-awtorità wkoll ta' ġudikati preċedenti, il-liġi ma tikkomminax in-nullità ta' l-atti tal-proċess minħabba nuqqas ta' ċitazzjoni ta' xi terz interessat. Kieku ma kienx hekk, ma kien qatt ikun hemm lok għall-intervent "in statu et terminis" u għall-kjamata fil-kawża fuq talba tal-

konvenut jew b'ordni tal-Qorti "ex officio"; għax l-intervenjent u l-kjamat fil-kawża jeħtieġ li jkollhom interess, u "ex hypothesi" messhom allura kienu parti mill-bidu;

Il-bażi tat-talba tal-attriċi fil-kawża preżenti hija l-allegazzjoni illi l-konvenut, jew oħrajn li minn għandhom ġej id-dritt tiegħu fuq il-fond viċin, użurpaw parti mill-area tal-art li fuqha kien hemm qabel il-bini li minnu hi kellha parti diviża. It-talba mbgħad hija illi, prevja dikjarazzjoni ta' dik l-użurpazzjoni, il-konvenut ikun kundannat jiddemolixxi l-bini li sar fuq l-art użurpata, jew, fin-nuqqas, li hi stess tiġi awtorizzata tagħmel ix-xogħolijiet meħtieġa spejjeż tiegħu;

Il-konvenut sejjaħ fil-kawża lil Italo Manchè, li minn għandu kien akkwista l-bini, u li kien il-persuna li tella' dak il-bini;

Fuq il-fatti kif allegati bejn l-attur mill-parti l-waħda u l-partijiet l-oħra fil-ġudizzju, hemm rapport ġuridiku komplet, li fil-każ ta' eżitu favorevoli għat-talba tal-attriċi jista' jassiguralha riżultament utili. Jogħġobhom jew ma jogħġobhomx il-proprijetarji tal-partijiet diviżi l-oħra tal-art li jaġixxu għas-salvagwardja jew reintegrazzjoni tad-drittijiet tagħhom, huwa ċar illi l-attriċi, jekk tassew saret l-użurpazzjoni, għandha kull interess u kull dritt li taġixxi għal dak li hu d-dritt tagħha; liema dritt ma jedderivalha bl-ebda mod minn dak tal-oħrajn, u mhux dipendenti minnu. Anki fuq it-talba tagħha "biss", id-demolizzjoni mitluba tista' tiġi ordnata, ġa ladarba biha biss jista' jiġi reintegrat id-dritt tagħha u mingħajrha ma tistgħax issir dik ir-reintegrazzjoni;

Jista' jkun illi, kieku wara din il-kawża l-attriċi tkun trid terġa' tibni l-parti tagħha, ikun jeħtieġilha li tagħmel arranġamenti għal dan il-bini mal-proprijetarji l-oħra; iżda l-ewwelnett anki jekk stess l-attriċi ma beħsiebhiex terġa tibni, id-dritt tagħha li tagħmel din il-kawża jibqa' l-istess. Mbgħad, il-kwistjoni x'ikun jeħtieġ isir wara din il-kawża bejn l-attriċi u dawk il-proprijetarji l-oħra hi għall-kollox

estranea għall-kwistjoni proċedurali nvoluta fl-eċċezzjoni tal-appellat Manchè;

Hawn non si tratta ta' azzjoni tendenti għall-mutament ta' rapport jew stat ġuridiku wieħed, fejn il-litis-konsorzju bejn dawk kollha li huma parteċipi hu neċessarju. Ebda unità ġuridika neċessarja ma hemm bejn id-dritt tal-attriċi u dak tal-proprijetarji l-oħra. Bil-mod kif saret l-azzjoni, id-dritt tagħha jista' jiġi rivendikat anki jekk dawk il-proprijetarji l-oħra jiddiżinteressaw ruħhom kompletament għal dak li hu d-dritt tagħhom, jew anki ma jridux jirrivendikawh;

Hi kwistjoni oħra jekk hux konvenjenti li dawk il-proprijetarji jintervjenu fil-kawża jew jiġu msejħa — kwistjoni li mhijex quddiem din il-Qorti;

Fil-petizzjoni tal-appell, l-appellanti qanqlet ukoll kwistjoni oħra li apparentement ma kienetx ġiet imqanqla quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Hija ssottomettiet illi l-eċċezzjoni tal-imsejjaħ fil-kawża, fis-sens illi l-ġudizzju ma kienx integru, hija ta' natura merament dilatorja, u għalhekk, skond l-art. 729(1) tal-*Kodiċi ta' Proċedura Ċivili*, kellha tiġi mqajma fil-bidu, u mhux, kif fil-fatt ġara, fi stadju inoltrat sewwa tal-kawża wara li kienu ġa ngħabru l-provi kollha quddiem il-perit ġudizzjarju. Fil-kors tat-trattazzjoni l-appellanti għamlet riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża "Borg vs. Grixti" (Vol. XXXIII-I-630), fejn ġie ritenut illi, għall-finijiet tal-imsemmi art. 729(1), anki l-eċċezzjonijiet perentorji biss tal-ġudizzju (u mhux tal-meritu) għandhom jitqiesu dilatorji. Iżda in vista tal-konklużjoni raġġunta minn din il-Qorti, kif intqal fuq, il-Qorti ma *jidhrilhiex li hemm bżonn li tiġi deċiża din l-*kwstjoni;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-appell tal-attriċi, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu lliberat lill-konvenut u lill-imsejjaħ fil-kawża mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż (barra dawk akkollati lill-imsejjaħ fil-kawża) kontra l-attriċi, u minflok tiċħad dik l-eċċezzjoni, bl-ispejjeż kollha tal-ewwel istanza kontra l-imsejjaħ fil-kawża, u bl-ispejjeż tal-appell kwantu għal żewġ terzi kon-

tra l-istess imsejjaħ fil-kawża u terz kontra l-konvenut. U tordna *li l-proċess jiġi mibgħut lura lill-Ewwel Onorabbli* Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża skond il-liġi.